MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tad-9 ta' Frar, 2005

Avviz Numru. 456/2002

**Avviz numru 456/02DM**

**Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-ilma f'isimha proprju u ghan-nom ta' EneMalta**

**Vs**

**Giorgio Peresso ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Acris Container Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-Korporazzjoni attrici proprio et nomine talbet il-kundanna tal-konvenuti, sabiex ihallsu s-somma ta' elf seba' mija u dsatax-il lira maltija u tnejn u erbghin centezmu (Lm1,719.42) dovuti minnhom lilha proprio et nomine kwantu ghas-somma ta' LM117.84 ghall-konsum ta' l-ilma u kera ta' meter ta' l-ilma u kwantu ghas-somma ta' Lm 1,601.58 ghall-konsum ta' l-elettriku u kera ta' meter ta' l-elettriku fil-fond ta' 'Acris Container Ltd'

Sir Paul Boffa Ave, Paola, ghall-perjodu bejn l-4 ta' Gunju, 1996 sas-27 ta' Marzu, 2002 skond il-kontijiet numri 007/586200, 007/586630, 027/586010 u 027/586520 u d-dokumenti annessi (WSC 1, WSC 2, WSC 3, u WSC 4).
Bl-ispejjez, inkluzi Lm8.75 spejjez ta' l-ittra ufficjali tal-15 ta' Dicembru, 1999, kontra taghhom, li minn issa jinsabu ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccipew illi:
1. Fl-ewwel lok, li t-talbiet attrici huma preskritti a tenur ta' l-artikoli 2148 u 2149 tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta) ;
2. Fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghal dak suespost, li l-ammont mitlub m'huwiex dovut ;
3. Fit-tielet lok, illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ;
4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.
5. Bl-ispejjez.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Jirrizulta stabbilit illi s-socjeta' konvenuta kienet tiggestixxi fabbrika fil-fond taghha f'Sir Paul Boffa Avenue, Paola, u illi din il-fabbrika kienet munita bis-servizzi ta' l-elettricita'u anke ta' l-ilma.

Jirrizulta stabbilit ukoll illi f'Novembru, 1996, il-kumpanija konvenuta kienet issaldat il-kontijiet kollha dovuti ghal konsum ta' elettriku u ilma fil-fabbrika li kien gie irregistrat sal-4 ta' Gunju, 1996.

Jirrizulta ukoll illi ma sar ebda pagament wara din id-data u ghalhekk effettivament l-atturi ghadhom ma gewx imhallsin tal-kera u konsum li gie rregistrat wara l-4 ta' Gunju, 1996.

Billi, kif jirrizulta mill-ittra spedita mill-konvenuti lill-atturi fis-17 ta’ Dicembru, 1997, il-fabbrika tas-socjeta’ konvenuta kienet inghalqet b’effett mit-8 ta’ Awissu,1997, u billi fl-istess ittra l-atturi kienu gew interpellati sabiex jaqghtu is-servizz u jirtiraw l-apparat taghhom, l-atturi huma prekluzi milli jippretendu xi kumpens ghal xi kera ta’ l-apparat taghhom b’effett mill-ahhar tas-sena tal-1997.

Ghalkemm l-istess ittra ma instabetx mill-atturi fl-inkartment taghhom dwar din il-vertenza, m’hemm ebda raguni ghaliex din il-Qorti ghandha tiddubita mid-deposizzjoni ta’ Giorgio Peresso, rappresentant tal-kumpanija konvenuta peress ukoll illi l-atturi, ma setghux jinnegaw illi effettivament l-ittra tal-konvenut kienet waslet ghandhom minhabba illi l-inkartament relattiv kien intilef.

Mill-kontijiet esibiti mill-kumpanija attrici jirrizulta illi l-ahhar qari tal-konsum irregistrat kien sar fid-19 ta’ Mejju, 1997, waqt li jirrizulta illi l-konsum li gie addebitat sal-15 ta’ Settembru, 1997 huwa bbazat biss fuq stima (presumibilment ghaliex il-fabbrika inghalqet). Billi evidentement l-atturi ghandhom ikunu tenuti illum li huma fil-pozizzjoni li jindikaw il-konsum bl-ezatt, il-Qorti mhux qed tiehu konjizzoni ta’ dan il-konsum abbazi ta’ stima.

Ghaldaqstant jirrizulta illi l-atturi kienu ntitolati illi jitolbu minn ghand il-konvenuti a bazi tad-diversi kontijiet f’isem il-konvenuti, l-ammont ta’ tlett mija, sitta u hamsin lira Maltin u tlieta u sebghin centezmu (Lm356.73) fuq il-kont bin-numru 007586200, l-ammont ta’ sebgha u ghoxrin lira Maltin u erbgha u disghin centezmu (Lm27.94) fuq il-kont bin-numru 007586630, l-ammont ta’ hames mija u wiehed liri Maltin u disgha u sittin centezmu (Lm501.69) fuq il-kont bin-numru 027586010 u tmienja u ghoxrin lira Maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm28.71) fuq il-kont bin-numri 027586520. Total ta’ disa’ mija, hmistax-il lira Maltin u seba’ centezmi (Lm915.07).

Izda l-kontestazzjoni tal-konvenuti mhiex limitata biss ghal dak li jirrigwarda l-precizjoni fl-ammont mitlub mill-atturi, izda huma eccipew wkoll il-preskrizzjoni a tenur ta’ l-

Artikoli 2148 tal-Kodici Civili li jikkontempla l-preskrizzjoni bl-eghluq ta' tmintax(18) -il xahar u l-Artikolu 2149 tal-Kodici Civili li jikkontempla l-preskrizzjoni b'eghluq ta' sentejn .

Billi l-unika nterruzzjoni tal-perjodu preskrittiv li tirrizulta mill-provi hija l-ittra ufficjali ta' l-atturi tal-15 ta' Dicembru, 1999, f'kaz li l-preskrizzjonijiet sollevati mill-konvenuti huma applikabbli u billi l-ittra ufficjali giet pprezentata wara eghluq is-sentejn (2) mid-19 ta' Mejju, 1997, din l-eccezzjoni tal-konvenuti jkollha tigi akkolta.

Izda kif dejjem gie ritenut mill-Qrati taghna, huwa l-eccipjent inniffsu li jrid jindika l-preskrizzjoni specifika li jkun qed jissoleva fil-konfront tat-talba attrici u illi l-Qorti ma tistax taghmel l-indagini hi biex issib liema hi l-preskrizzjoni applikabbli.

Fil-kaz odjern il-konvenut iccita biss l-Artikoli 2148 u 2149 tal-Kodici Civili bhala l-bazi tal-preskrizzjoni illi huwa qieghed jissoleva, minnghajr pero' ma indika is-sub incizi ta' l-Artikoli citati. Jigi osservat illi l-Artikolu 2148 tal-Kodici Civili fih sitt (6) sub incizi waqt li l-Artikolu 2149 fih hames (5) sub incizi, b'kull sub inciz jipprospetta l-preskrizzjoni ta' azzjonijiet kull wahda differenti ghal kollox mill-ohra.

Ghaldaqstant kif gie ritenut ukoll mill-Qrati taghna billi skond l-Artikolu 2111 tal-Kodici Civili l-Qorti ma tistax *ex ufficio* taghti effett tal-preskrizzjoni jekk din ma tigix eccipita specifikatament mill-parti nteressata, il-Qorti hija prekluza milli tfittex hi biex tara liema wiehed mis-sub incizi li jitrattaw dwar preskrizzjoni partikolari huwa applikabbli ghall-kaz.

Ghaldaqstant in vista ta' dan kollu l-ewwel (1) eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti hija nsostenibbli.

Ghaldaqstant tilqa' it-talba attrici ghar-ragunijiet premessi fl-Avviz limitatament billi tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma ta' disa' mija u hmistax-il lira Maltin u seba' centezmi (Lm915.07) ghas-saldu tal-

pretensjonijiet taghhom dwar konsum ta’ ilma u luce elettrika fil-fond gestit mill-kumpanija konvenuta f’Sir Paul Boffa Avenue, Paola.

Bl-ispejjez jithallsu in kwantu ghal nofs (1/2) kull parti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------